# 117. It-Tluq Tat-Truppi – Kollox Bħas-Soltu

Ġejjin mill-bogħod,
mexjin bil-pass meqjus ma' tul il-moll
bid-daqq tat-tamburlin,
telgħin l-iskala tal-vapur
it-truppi …
faxxi tan-nemel …

Daqq ta' trombetti,
żanżin ta' ajruplani,
korrispondenti,
magni ta' films, ritratti,
diskors tal-brigadier,
u daqq tal-Auld Lang Syne,
ċapċip ta' folol,
tixjir ta' mkatar,
u dmugħ iċarċar mal-uċuħ,
kollox bħas-soltu …

Żewġ tranjiet kbar,
u rgħawa mal-vapur,
u faxxa twila sewda
mill-ponta taċ-ċumnija
sal-orizzont;
sejrin sejrin
it-truppi
biex iħarsu l-paċI tad-dinja,
kollox bħas-soltu, kif jitolbu
it-tradizzjonijiet ta' għoxrin seklu.

Imorru t-truppi,
jiġġieldu, jċarċru demmhom,
ġrajjiet b'ittri tad-deheb
fil-paġni tal-istorja,
gzuz ta' slaleb
fiċ-ċimiterji f'artijiet imbiegħda,
u gzuz u gzuz ta' romol u ta' ltiema,
u l-PaċI terġa
fid-djar imfarrka tal-ibliet …

‘Mma wara ftit
jerġa’ jitwieled
xi mostru ġdid fost il-bnedmin,
mostru li jhedded
il-paċI tad-dinja,
u t-truppi
jerġgħu jiġu mill-b’għod,
bil-pass meqjus, bid-daqq tat-tamburlin,
jitilgħu mal-iskala tal-vapur …
daqq ta’ trombetti,
żanżin ta’ ajruplani,
korrispondenti,
magni ta’ films, ritratti,
diskors mill-brigadier,
u daqq tal-Auld Lang Syne,
ċapċip ta’ folol,
u dmugħ iċarċar mal-uċuħ,
u faxxa twila sewda
miċ-ċumnija tal-vapur sal-orizzont,
kollox bħas-soltu,
kollox kif jitolbu
il-proċeduri sbieħ ta’ għoxrin seklu …